MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Jannar, 2009

Numru 417/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezren Grixti)**
**vs**

**Gregory Attard**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Gregory Attard ta' 26 sena, bin (L) Costantino u Josephine nee' Muscat mwieled Mtarfa 06.10.76 u residenti 98 Triq Kent Fgura. Detentur tal-karta tal-Identita' bin-numru 481376(m).

Billi gie akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fl-06 ta' Dicembru 2002 u matul l-14 il-xahar ta' qabel b'diversi atti maghmulin f'zminijiet differenti u jiksru l-istess

disposizzjoni tal-ligi u gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda dan b'ksur ta' l-artiklu 18 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

a) Bhalla ufficjal publiku jew impjegat publiku illi, ghal xi vantaggi privat tieghu ghamel uzu hazin minn hwejjeg mobbli (Droga Pethidine), illi jkunu gew fdati lilu minhabba l-kariga jew impieg tieghu jew jisraqhom u dan bi ksur ta' l-artiklu 127 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

b) Minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz tieghu, jew minhabba depozitu necessarju, approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor lit kun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu specifikat u dan b'ksur ta' l-artiklu 293 u 294 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

c) Kellhu fil-pussess tieghu id-droga Pethidine specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghal-importazzjoni jew ghal esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga 'msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga imsemmija giet fornuta lilu ghal uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli 1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (GN. 292/1939) kif suussegwentement emendati u bi ksur tal-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) Talli f'Dicembru 2001 f' tas-Sliema, ikkometa serq ta' Medicina kontrolata Pethidine minn gewwa l-isptar Capua Palace, ghad-dannu ta' Capua Palace, liema serq huwa kkwalifikat bil-persuna u dan b'ksur ta' l-artiklu 268(a) tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

e) U aktar talli ir-reati imsemmija f' (b) u (d) gew aggravati billi Bhala ufficjal jew impjegat pubbliku ikkometta reat li hu kellhu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba il-kariga tieghu kellu id-dmir li jimpedixxi u dan b'ksur ta' l-artiklu 141 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fin-Nota tieghu datata 29 ta' Dicembru, 2003 (ara fol. 74 tal-Process) u il-Fiat tal-Avukat Generali datat 29 ta' Dicembru, 2003 ai termini tas-sub-artikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap 101) (ara fol. 75 tal-Process) u nnutat li l-imputat Gregory Attard m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Nezren Grixti iddikjara li l-akkuza d) migjuba kontra l-imputat Gregory Attard inghatat bhala akkuza alternattiva ghall-akkuza b) migjuba kontra l-imputat u konsegwentement talab lill-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija akkuza d) migjuba kontra l-imputat Gregory Attard.

Innutat ukoll li fis-Seduta tallum l-imputat iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-akkuza d).

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-akkuza d).

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Nezren Grixti, b'referenza ghat-talba tal-Prosekuzzjoni u tal-Avukat Generali maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, iddikjara li f'din il-kawza ma gewx inkorsi spejjez a tenur tal-imsemmi artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u konsegwentement talab li l-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-imsemmija talba maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Inoltre innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Nezren Grixti iddikjara li minn verifiki li ghamel personalment jirrizulta li l-fedina penali tal-imputat ghadha wahda netta.

Innutat ukoll li fil-Verbal tas-Seduta ta' llum l-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Nezren Grixti u Dr Michael Sciriha ghall-imputat iddikjaraw illi tenut kont il-fatt li l-imputat ghandu fedina penali netta, li jirrizulta minn verifiki li ghamlu l-istess Ufficjal Prosekutur u Dr Michael Sciriha li l-imputat kien dejjem professjonist biezel f'xoghlu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, jaqblu li fil-kaz de quo ma jkunx idoneu li l-imputat jinghata piena ta' prigunerija u li l-Qorti gentilment ghandha tikkunsidra li fl-ghoti tas-

Sentenza taghha tirrakomanda lill-Awtoritajiet koncernati li l-imputat ma jitlifx l-impjieg odjern tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat id-disposizzjonijiet tar-4 u 6 Taqsima tal-Kap. 101 u ir-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tall-Medicini Perikoluzi (G.N.292/1939) kif sussegwentement emendati u artikoli 17, 18, 127, 141, 293 u 294 tal-Kodici Kriminali.

Issib lill-imputat Gregory Attard, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu salv l-akkuza d) u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fedina penali netta tal-imputat u dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta tallum mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Nezren Grixti u Dr Michael Sciriha ghall-imputat u riportat aktar qabel f’din is-Sentenza tillibera lill-istess imputat Gregory Attard taht il-Provvediment tal-artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil-lum u inoltre tikkundanna lill-imsemmi imputat Gregory Attard ghall-piena ta’ elf, mija u hamsa u sittin Euro (Euro 1165) multa.

Rigward l-akkuza d) migjuba kontra l-imputat Gregory Attard, il-Qorti, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosektur l-Ispettur Nezren Grixti rigward din l-imsemmija akkuza d) migjuba kontra l-imputat Gregory Attard kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imsemmija akkuza d) migjuba kontra l-imputat Gregory Attard.

Rigward it-talba tal-Prosekuzzjoni u tal-Avukat Generali maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, il-

Qorti, fid-dawl ta’ dak dikjarat u mitlub mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Nezren Grixti rigward din l-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni u tal-Avukat Generali maghmula a tenur tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali kif riportat aktar qabel f’din is-Sentenza, tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta’ din l-imsemmija talba tal-Prosekuzzjoni u tal-Avukat Generali maghmula a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali.

Il-Qorti qed taghti lill-imputat Gregory Attard l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Finalment il-Qorti, wara li qieset dak dikjarat fil-Verbal tas-Seduta ta’ llum mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Nezren Grixti u Dr Michael Sciriha ghall-imputat u riportat aktar qabel f’din is-Sentenza tirrakomanda lill-Awtoritajiet koncernati li l-imputat ma jitlifx l-impjieg odjern tieghu.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------